MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 333/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Mamo Daniela**
**ID-225993(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija wiehed u ghoxrin ewro u tmintax-il centezmu (€821.18c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta' kommunikazzjoni numru 79225993 numru tal- kont A/C40176712 moghtija mis-socjeta' attrici u dan skont kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati A, B u C u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati bhala Dok.“A”, Ftehim, Dok.“B” Prospett, Dok.“C” Fattura in konnessjoni ma’ penali skont il-ftehim, Dok.“D” Estratt mir-Registru Elettorali l-aktar recenti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija wiehed u ghoxrin ewro u tmintax-il centezmu (€821.18c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------